MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**BONNICI JOSEPH**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 624/2002/1

**Is-Sur Mario Millo**

**vs**

**Emanuel Fenech**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm600.00c (sitt mitt lira Maltin) oltre l-imghax legali mid-data tal-pagament effettiv, bhala bilanc ta' self lilu maghmul brevi manu liema ammont gie minnu rikonoxxut inforza ta' kuntrat ippubblikat minn Nutar Dotoressa Rachael Mallia fit-18 ta' Jannar 2000.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Dicembru 2000, tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Frar 2002 u tal-mandat ta' sekwestru numru 623/02 tas-7 ta' Marzu 2002 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi, huwa minnu li, skond il-kuntratt ta’ separazzjoni datat it-18 ta’ Jannar 2000 huwa obliga ruhu li jrodd lura Lm600.00c (sitt mitt lira Maltin) lill-attur fi zmien stipulat fl-istess kuntratt.

Illi huwa kien lest li jonera din l-obbligazzjoni moghtija minnu fuq dan il-kuntratt qabel l-iskadenza ta’ zmien stipulat madankollu ftit jiem qabel din l-iskadenza huwa gie servut b’mandat ta’ sekwestru bin-numru 34/02 fl-ismijiet Doris Millo – Vs – Mario Millo ordnat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili li permezz tieghu din l-Onorabbli Qorti ghogobha tordna l-hrug ta’ dan il-mandat f’idejn l-esponenti bhala sekwestratarju, kontra s-sekwestrat Mario Millo ghall-kreditu intraskritt fl-istess mandat.

Illi stante l-hrug ta’ dan il-mandat huwa m’ghandux ibati ebda spejjez f’din il-kawza kif ukoll ghal kull spejjez ohra kif dedota fl-avviz maghmul mill-attur.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema’ l-partijiet.

Ikkonsidera

Illi skond ma jirrizulta lit-Tribunal, jidher li l-ammont reklamat mill-attur gie depozitat taht l-Awtorita’ tal-Onorabbli Qorti fil-mori ta’ din il-kawza.

Il-pagament skada u kien dovut qabel l-inizju ta’ dawn il-proceduri. Diment li l-konvenut kien rinfaccjat bi proceduri ohra, s-soluzzjoni kollha tkun li jiddepozita ‘ante prima’ sabiex jezimi ruhu minn kwalunkwe responsabbilta’. Kieku sar hekk, lanqas ma kien ikun hemm in-necessita ta’ dawn l-odjerni proceduri.

In vista tal-istess, it-Tribunal jiddeciedi billi jillibera lil konvenut mill-osservanza tal-giudizzju sante d-depozitu b’dan li l-kap tal-ispejjez ghandhu jkun a karigu tieghu stess.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**